MINUTI

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 11/07 – 2 ta' Diċembru 2013 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* |

**AĠENDA**

1. Rapport dwar it-TENDERS attwali.

**TALBA**

**Is-Sindku qal it-talba u ppressieda l-laqgħa.**

Is-Sindku spjega li din il-laqgħa saret wara talba mill-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku rrimarka li għalkemm veru huwa kien li ppropona kien il-Kunsill kollu li aċċetta u qabel li din il-laqgħa straordinarja ssir. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li qiegħed jenfasizza dan għal fatt li kuntrattur partikolari saħansitra mar staqsa lil nies oħra għaliex huwa in partikolari qala' dan il-każ.

i Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li wara li reġa kellem lill-Kuntratturi sabiex jipprovdu u/jew iġeddu skond il-bżonn il-Garanziji Bankarji, dawk il-kuntratturi li pprovdew id-dokumenti mitluba kienu :-
BITMAC – PROVISION OF COLD ASPHALT - valida sa 22/Nov/2014
MQUIP – STREET FURNITURE - valida sa 15/April/2014
ROAD MAINTENANCE LTD – TRAFFIC SIGNS – valida sa 01/Nov/2014
SALVU MIFSUD – DOMESTIC WASTE – valida sa 23/Nov/2014
SALVU MIFSUD – STREET SWEEPING – valida sa 01/June/2014
TAL-GRAMM – BOWSER U TARMAC – baqa' ma pprovdiex Garanziji Bankarji għall-ebda minn dawn iż-żewġ tenders.
DIMBROS LTD – SKIPS & BINS on WHEELS - valida sa 25/Nov/2017

Il-Kunsill qabel unanimament li t-tenders tal-kuntrattur TAL-GRAMM jaqaw u jerġgħu joħorġu sejħa għall-offerti mill-ġdid.

Fir-rigward iż-żewġ tenders kemm dik tal-PPP kif ukoll tar-Resurfacing tal-kuntrattur VELLA GROUP, peress li s-Sur Jimmy Vella kiteb lill-Kunsill sabiex jingħata aktar żmien ħalli jipprovdi dawn il-Garanziji, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir meeting miegħu u jħeġġu sabiex il-Garanziji jagħmilhom sa mhux aktar tard mis-27 ta' Diċembru 2013 u jekk dan ma jsirx jiġu tterminati ż-żewġ kuntratti.

ii **Għeluq tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**